**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 119/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Natasha Zammit**

**Illum 12 ta' Gunju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Natasha Zammit** detenrici tal-karta tal-identita' Maltija **254891M**, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli bejn it-13 ta' Lulju 2017 u t-30 ta' Marzu 2019 ġewwa r- residenza ***'61, Shalom, Triq Nazju Ellul, Gzira'***, b'diversi atti ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandha, ġegħlet bl-awtorità tagħha nnifisha lil Maria Aquilina, Justin Aquilina u Angelo Aquilina jħallsu dejn jew obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil Maria Aquilina, Justin Aquilina u

Angelo Aquilina fil-pussess ta' ħwejjighom, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indahlet fi ħwejjeg haddieħor (Art 85 (1) Kap 9);

B'dan illi sussegwentement fil-mori avvanzati tal-proċeduri nħarġu akkużi ġodda fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2024 fejn oltre l-akkuża hawn fuq indikata żdiedet akkuża ulterjuri, dejjem pero' referibbli għall-istess żmien indikat fl-ewwel akkuża u cioe' li:

2. Volontarjament hassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew Immobbli liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 izda anqas minn €2,500.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-18 ta' Dicembru 2024, fejn sabet lill-esponenti mhux hatia ta' diversi akkużi u allegazzjonijiet li ġew imressqin fil-konfront taghha (kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem), b'dan illi pero' sabitha hatia ta' żewġ imputazzjonijiet ohra li tressqu fil-konfront tagħha in kwantu hija ġiet misjuba hatia li:

1) Fir-rigward tal-ewwel akkuża l-esponenti hadet ir-riedni f'idejha u mexxiet bl-iżvilupp ta' twieqi mertu tal-ilment tal-partijiet leża;

2) Fir-rigward tat-tieni akkuża l-esponenti nstabet hatja għal ħsarat (cracks) fil-faċċata u fl-appartament propjeta tal-parti leża li ġew attribwiti mill-Perit *ex parte* tal-istess *parte civile* (a bażi ta' rapport li pero' sar fl-20241) ghal *high loads created* allegatament mill-isvilupp li sar mill-imputata bejn l-2017 u 2019;

Konsegwentement l-imputata ġiet ikkundannata thallas multa ta' hames mitt Ewro (€500) għal ħsara li ma tiskorrix it-€23.29 (minkejja li s-Sentenza rrikonoxxiet hija stess li l-perit *exparte tal-parte civile* u l-prosekuzzjoni ma gabux prova dwar l-ammont tal-

allegati hsarat) kif ukoll ordnat sabiex l-esponenti timblokka fi żmien tlitt ġimgħat l-aċċess tat- twieqi mertu tal-proċeduri b'tali mod li persuna jew persuni ma jkunux jistaw iharsu 'l isfel lejn il-bitha interna tal-parti leża, b'mod permanenti, taħt is-sorveljanza tal-Perit perit nominat mill-qorti soggett ghal piena ta' €10 kuljum wara l-iskadenza ta' tlitt ġimgħat sakemm tiġi esegwita tali ordni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Natasha Zammit, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Dicembru, 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tikkonferma dawk il-partijiet kollha tas-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fejn ma nstabitx ħtija fil-konfront tal-esponenti, tvarja u tibdel il-kumplament tal-istess sentenza billi ma ssibx lill-esponenti hatja u tillibera wkoll lill-esponenti minn dawk l-allegazzjonijiet, imputazzjonijiet u akkużi konsegwenzjali li hija nstabet hatja tagħhom b'mod partikolari dawk dwar it-twieqi u konsenturi msemmija aktar kmieni f'dan l-appell u b'hekk tilliberaha mill-akkużi u imputazzjonijiet u allegazzjonijiet kollha li ngiebu kontriha, tirrevoka l-inkarigu mogħti lill-Perit nominat fis-sentenza, kif ukoll thassar u tirrevoka l-kundanna tal-multa ta' hames mitt Ewro (€500) u thassar u tirrevoka l-Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u komunika relattiva lill-Kummissarju tal-Pulizija, li ġiet imposta fil-konfront tagħha versu l-partijiet civile.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**L-ewwel aggravju.**

1. Illi permezz ta' dan l-ewwel aggravju qed jingħad illi l-ewwel Qorti ma kellha qatt issib lill-esponenti hatja ta' l-imputazzjonijiet dwar it-twieqi u konsenturi

propju għaliex dawn qatt ma kienu jiffurmaw parti mill-ilmenti oriġinali li tressqu fil-konfront ta' l-esponenti *a tempo vergine* meta sar ir-rapport inizzjali kontriha u meta ħarġu l-akkużi konsegwenzjali li taw lok għal dawn il-proċeduri;

Kif ġia' spjegat skont dak rappurtat lill-Pulizija fl-affidavit li ġie mressaq mat-taħrika u l- akkużi li tressqu, a fol.3 u 4. l-*parte civile* kienu ressqu Ikmenti li kienu limitati għal ċaqlieq ta' kanen ta' drenaġġ, nuqqas/interruzzjoni ta' provvista ta' ilma jew skular ta' ilma mal- ħajt u twahhil ta' sinjali mal-hajt tar-residenza tal-parte civile bl-imsiemer.

Gara madanakollu li matul il-ħames snin li l-*parte civile* damu jressqu l-provi tagħhom dawn baqghu iwessaw l-ilmenti tagħhom għal ilmenti ohra varji kif gia' spjegat hawn fuq li qatt ma kellhom jiġu konsidrati bhala mertu ta' dawn il-proċeduri ladarba ma kienux jiffurmaw parti mill-akkużi originali u marru ferm oltre dak li kien infatti ġie Imentat.

Dan kollu kien infatti gia' verbalizzat mid-difiża fil-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2024 iżda madanakollu l-*parte civile* baqghu iżidu l-ilmenti tagħhom!

Mhux talli hekk talli saħansitra kien intalab mill-*parte civile* li tiżdied akkuża ġdida madanakollu ż-żmien referibbli għall-istess akkuži baqa' dak ta' bejn Lulju 2017 u Marzu 2019.

Minkejja dan kollu għandu jirriżulta li l-ilmenti ulterjuri tagħhom inkluż dawk li tagħhom l-esponenti nstagħbet hatja, issemmew biss waqt xhieda li bdiet tingħata mill-partijiet civile rasahansitra fir-rigward ta' waħda mill-imputazzjonijiet mertu ta dan l-appell, a bażi ta papport (dwar l-allegati konsenturi) li ġie redatt biss fl-2024 cioe' ħames snin oltre 1- perjodu li dwaru tressqu l-akkuži! (vide rapport a. fol 258 li dwaru kien intalab immedjatament l-isfilz tiegħu propju għaliex ma kellu qatt jirriżulta relevanti).

F'dan ir-rigward kien infatti verbalizzat is-segwenti fis-seduta tat-30 t'April 2024 meta ssemmew għall-ewwel darba l-allegati ħsarat:

*L-avukat difensur fir-rigward ta' dawn il-proceduri jirrileva li filwaqt li jirrispetta l-intervent li ghadu kemm sar mill-Perit u din il-Qorti jippuntwalizza li dan l-ilment dwar diffetti strutturali kif rappurtati mill-Perit gew a konjizzjoni taghha proprju llum.*

*Jippuntwalizza wkoll li l-akkuza li tressqet kontra l-imputata tirreferi ghall-fatti u cirkostanzi li rrizultaw allegatament bejn l-2017 u l-2019 li ma ghandhom xejn x'jaqsmu ma' dak rappurtat mill-Perit li ghadu kemm xehed. Jirrileva wkoll li kieku l-parte civile verament riedu jindirizzaw dak irrappurtat mill-Perit kellhom kull opportunita' li qabel is-seduta tal-lum jikkomunikaw bi kwalsiasi mod mal-imputata u mal-Awtorijtajiet biex tingibed l-attenzjoni ghal dak ilmentat, xi haga pero' li sa fejn taf limputata dan ma sehhx u li b'hekk din l- Onorabbli Qorti m'ghandix tigi wzata ghall-skopijiet li jmorru ferm oltre l-akkuza nnifisha. B'referenza ghal dan kollu l-avukat difensur jitlob l-isfilz tar-rapport u x-xhieda tal-Perit fejn issir referenza ghall-hsarat li ma nkwadrawx meta sar ir-rapport originali jew li tali xhieda tigi skartata fi stadju tad-decizjoni. (enfasi miżjuda).*

Dan kollu ovvjament ingħad għaliex kif spjegat fit-tielet paġna ta' dan l-appell l-ilmenti originali li wasslu għar-rapport li kien sar kontra l-esponenti u l-akkużi li tressqu kontriha kienu limitati għal-ċaqlieq ta' kanen ta' drenaġġ, Nuqqas/interruzzjoni ta' provvista ta' ilma jew skular ta' ilma mal-ħajt, twaħħil ta' sinjali mal-ħajt tar-residenza tal-parte civile bl- imsiemer u mhux kwistjoni allegatament daqstant serja li safrattant il-parte civile damu ħames snin biex jinkludu fl-ilmenti tagħhom biex imbad kwalsiasi tentattiv li sar mingħajr preġudizzju wara l-

istess seduta biex Perit inkarigat mill-esponenti jivverifika dak li kien qed jigi allegat ġie njorat mill-Perit inkarigat mill-parte civile kif muri permezz ta' emails esebiti fis-seduta tal-10 t'Ottubru 2024 (Dok KJS1).

Jidher pero' li l-ewwel Qorti xorta għaddiet biex tikkonsidra dawn l-ilmenti ulterjuri minkejja li l-artikolu 360 (2) tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha cara illi:

> *(2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi car il-persuna mharrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il- fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jinghataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil- mandat.*

Dan l-artikolu għandu jinftihem li l-iskop tiegħu hu propju dak li jagħmilha ċara li matul is- smiegħ tal-proċeduri l-akkużi ghandhom jibqa limitati għal dawk il-fatti li jkunu ġew ilmentati fiż-żmien meta l-persuna tigi mharrka proprju għaliex l-iskop tat-tahrika u l-fatti ndikati ma' kwalsiasi rapport jew affidavit li jkun tressaq magħha għandu jkollhom l-iskop li jagħtu lill-imputat l-istampa kollha cara ta' dak li għalieh ikun qed jitressaq u mhux isib ruhu sitwazzjoni, propju kif ġara dan il-każ fejn matul is-smiegh, il-partijiet civile baqaw izidu l-ilmenti tagħhom li fil-maggor parti assoluta tagħhom infatti l-esponenti l-anqas biss instghbet hatja tagħhom.

F'dan ir-rigward issir referenza għal dak li kien ġie argumentat mill-appellant fil-proċeduri ta' Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Francis Bezzina** (Appell Nru. 411/2017) kif riprodott fis-sentenza li ingħatat mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Settembru, 2018:

> *Huwa obbligu tal-prosekuzzjoni li tressaq il-provi taghha minghajr dubju dettat mir-raguni ghall-akkuzi li hija tressaq fic-citazzjoni.*

Dan l-obbligu fuq il-prosekuzzjoni huwa naxxenti mill-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali li jistipola li:

> "*Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi car il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.*"

Illi l-importanza tad-dettalji fic-citazzjoni u tal-obbligu/l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq provi skond kif indikat fic-citazzjoni gew trattati wkoll fil-kawzi: **Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et.**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta' April 20121; **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **il-Pulizija vs Ruth Theuma**, it-tnejn li huma decizi mill-Qorti tal-Appell nhar id-19 ta' Ottubru 2010[2]: **il-Pulizija vs John Mary Briffa** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-18 ta' Ottubru 2005 u ricentament **il-Pulizija vs Raymond Xerri** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is- 26 ta' Jannar 2017. F'dawn il-kawzi infatti l-imputati gew liberati propju minhabba li l-provi tal-prosekuzzjoni kienu qed jippuntaw lejn dati/hinijiet differenti minn dawk indikati fic- citazzjoni.

Finalment u in sostenn tal-premess, I-esponenti jagħmel referenza wkoll ghall-kawza fl- ismijiet: **Il-Pulizija vs Rita Zammit**[3] deciza mill-Qorti tal-Appell nhar 1-14 ta' April 2005, fejn l- imputata giet liberata minhabba zball fid-data fic-citazzjoni, il-Qorti iddikjarat li d-data tal- allegat reat hija cirkostanza materiali u sostanzjali fl-akkuza, u filwaqt li ikkonfermat if. liberazzjoni tal-imputata, irriteniet sahansitra li talba ghall-korrezzjonif dawn id-dettalji wara li l-prosekuzzjoni u d-difiza tkun ghalget il-provi taghha "*ikun abbuz lampanti mill- ikun jikkostitwixxi minaccja serja ghad-dritt ta' smiegh xieraq, ikun qed ikun ingust mad- difiza w mall-akkuzat b' mod li johloq pregudizzju w dannu rrimedjabbli*."

Bl-istess mod qed jiġi umilment argumentat li ż-żieda ta' diversi allegazzjonijiet li ressqu l- *parte civile* fil-mori li marru ferm oltre dak li kien ġie rappurtat lill-Pulizija qabel ma dawn mexxew kontra l-esponenti għandha wkoll titqies li kienet żieda

ingusta u inkorretta għaliex l-akkużi fattwali kellhom jibqaw limitati għal dak li kien ġie originarjament rappurtat. Jekk żball ta' ndikazzjoni ta' ħin f'akkuża jwassal għan-nullita' tal-istess akkuża kemm għandha tirriżulta nullita jekk persuna tiġi akkużata b'imputazzjonijiet tassew speċifiċi qabel meta jitressqu l-akkużi kontriha, biex imbad waqt il-mori tiġi rinfaċċjata b'diversi imputazzjonijiet/allegazzjonijiet ulterjuri li ma kienux ġew rappurtati meta tressaq l-ilment quddiem il-Pulizija?

B'hekk l-umli fehma hi il-parte civile xorta wahda għandhom jitqiesu li abbużaw mill-proċeduri kontra l-esponenti anki jekk huma żiedu l-allegazzjonijiet tagħhom u saħansitra akkuża ulterjuri qabel ma għalqu l-provi tagħhom għaliex xorta wahda jibqa' l-fatt li mentri l-esponenti tressqet b'akkużi bbażati fuq tlitt ilmenti relattivament 'sempliċi 1- allegazzjonijiet ulterjuri li tressqu matul il-mori kienu ferm aktar serji u komplikati minn dak li l-proċeduri nfushom taw lok li jinftiehem meta bdew l-istess proċeduri.

Għandu u kellu wkoll jirriżulta ċar għall-ewwel Qorti li l-partijiet civile baqaw jabbużaw mill-istess proċeduri sabiex itawwlu u jestendu kemm jistghu l-ilmenti tagħhom anki fejn effettivament kellu jirriżulta li tali ilmenti l-anqas biss kellhom jitqiesu li kienu ta' natura kriminali.

2. B'referenza ghall-ilment dwar il-ftugħ ta' twieqi, kienu nfatti l-partijiet civile nfushom li kkonfermaw illi dan kien ilment li tressaq ferm wara li kienu ħarġu l-akkużi oriġinali tant li kienu preżentaw ittra uffiċjali dwarhom fl-ambitu tal-kamp ċivili bin-numru 4992/2019 fit- 18 ta' Diċembru 2019 (Dok [S4 preżentata fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2020) li ġiet imwiegba mill-esponenti fil-31 ta' Jannar 2020-fol. 125.

Ta' min jinnota li l-oggezzjoni tad-difiża kontra dan l-ilment ġdid li ssemma ghall-ewwel darba mill-*parte civile* matul is-seduta tat-23 ta' Settembru 2020 tant li kien inghad is-segwenti:

> *Dr Reuben Farrugia: Issa spjegalna fuq it-twieqi. Biex għamelt qabdet u fethet it-tweiqi ghal fuq il-proprjetà tiegħek mingħajr il-kunsens tiegħek?*

> *Ix-xhud: Mela...*

Dr Jonathan Spiteri: Sinjura Magistrat, ma nixtieqx ninterrompi... imma fir-rapport jekk dan kollu ma jirriżultax u allura ma huwiex parti mill-akkuża u mill- mertu għalfejn ged nifthu...

> *Dr Reuben Farrugia: Dan li qed tiddeċiedi inti. L-akkuża hija sempliċi...*

> *Dr Jonathan Spiteri: Le, naraw ir-rapport.. l-akkuża marbuta mar-rapport.*

...madanakollu l-istess parte civile tħalla jibqa' jixhed dwar dan it-twieqi minkejja li qatt ma ssemmew fl-ilment originali.

Min-naħa l-oħra jidher li l-ewwel Qorti, forsi bi żball ġenwin, donna fehmet li l-ilment dwar it-twieqi kien ilment li tressaq sa ma qabel ma nħarġu l-akkużi tant li pg 9 tas-sentenza hemm indikat li l-esponenti... "*fil-proċess fethet żewġt itwieqi li jagħtu fuq il-bitha interna tal-partijiet leżi li hassewhom preġudikati u fil-fatt wassalhom jirrapurtaw dan*

*l-aġir lill- Pulizija*"... **meta fil-verita r-rapport tal-*parte civile*, kif jirriżulta mill-affidavit li kien anness mal-akkużi ma kien għamel l-ebda referenza għal dan l-ilment.**

L-istess sentenza tkompli tirreferi 'fpg 9 għall-ittra uffiċjali tal-parte civile u r-risposta tal- esponenti pero' għal darb'oħra donnha ma tindunax li l-ittra uffiċjali tal-parte civile ġiet preżentata **matul il-mori** ta' dawn il-proċeduri tant li mentri l-ewwel smiegħ kien fid-19 ta' Ġunju 2019, l-ittra uffiċjali tal-*parte civile* kienet ġiet preżentata fit-18 t'Ottubru 2019 b'konferma ta' kemm din il-kwistjoni ma kinitx tifforma parti mill-ilment li wassal għal dawn il-proċeduri u kemm tali kwistjoni kienet qed titqies fl-aghar ipotesi bħala kwistjoni ta' natura civili li l-parte civile mbagħad ma segwew bl-ebda mod wara l-ittra uffiċjali responsiva tal-esponenti!

L-istess jingħad għall-kwistjoni tal-konsenturi tant li r-rapport li ġie preżentat mill-parte civile kien rapport redatt fis-sena 2024 jikkonferma li tali Iment zgur ma kienx tressaq dak iż-żmien u li l-kwistjoni ta' konsenturi nqalgħat ferm wara u ssemmiet biss fi stadju tassew avvanzat fis-smiegħ ta' dawn il-proċeduri ħames snin wara li bdew!

Dan apparti l-fatt li kif ser jiġi spjegat fl-aggravju li jmiss tali rapport ma seta' qatt jitqies li jikkostitwixxi prova oġġettiva (stante li kien rapport ex parte) u ċertament ma setax jitqies li jipprovdi prova konkreta jew konklussiva li dak indikat fih sehh matul iż-żmien indikat fl- akkuża bejn l-2017 u l-2019 anzi kollox jagħti x'jifhem li tali konsenturi tfaċċaw ferm aktar wara tant li qatt ma sar ilment dwarhom qabel 1-2024!

Fi kwalunkwe każ minkejja tali rapport peritali, ġie wkoll muri fl-aħħar seduta li minkejja t- tentattivi mingħajr pregudizzju (kif indikat fil-verbal tal-10 t'Ottubru u l-emails esebiti bhala Dok KJS1) li ntbaghatu mill-esponenti sabiex jingħata aċċess lill-

perit tal-esponenti ghall-propjeta' tal-parte civile, biex isiru verifiki fir-rigward ta' dak li kien qed jiġi allegat tali rikjesti ġew injorati!

Fuq din il-bażi biss, ghandu għaldaqstant jirriżulta li l-akkużi dwar it-twieqi u konsenturi kellhom jiġu esklużi b'mod li l-ewwel Qorti l-anqas biss kellha tieħu konjizzjoni tagħhom ladarba dawn ma kienux inklużi mal-ilmenti li kienu wasslu għal dawn il-proċeduri kontra 1-esponenti u anzi tqajjmu wara matul il-mori.

Ironikament kienet l-ewwel Qorti stess li fir-rigward ta' imputazzjoni oħra dwar April 2019 liema data ma kinitx tinkwadra fil-perjodu li kienet tinsab akkużata bih 1-esponenti wieħed isaqsi kif allura l-istess konsiderazzjoni ma saritx fir-rigward tal-allegazzjonijiet dwar it-twieqi u konsenturi meta dawn l-ilmenti tressqu wkoll wara li kien sar ir-rapport tant li ma kienux imsemmija fih u saret referenza biss għalihom matul il-mori ta' dawn il-proċeduri?

Dwar dan il-punt il-ġurisprudenza wkoll tispjega li:

l-iskop tad-diversi disposizzjonijiet li jghidu kif ghandu jkun redatt l-Att ta' l-Akkuza u x'ghandu jkun fih huma intizi mhux ghas-semplici gost tal-formalizmu izda biex l-akkuzat **ikun jaf sew biex qed jigi akkuzat** u ghalhekk biex ikun jista' jipprepara ruhhu sew ghall- guri (ara passim **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Spiteri</u>** App. Krim. 14/1/2010). Dan japplika wkoll ghall-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 449(5) imsemmi - ghalhekk, in fatti, luzu tal-kelma, fiz-zewg paragrafi, "*fis-sustanza.*" (**enfasi miżjuda).**

Għalkemm dawk hawn fuq kwotat jirreferi b'mod partikolari għall-Artikolu 449(5)(b) tal- Kap. 9. għandu xorta waħda jitqies li l-istess kunċett għandu japplika għal dawn

it-tip ta' proċeduri tenut anki kont ta' dak illi jipprovdi l-artikolu 360 (2) tal-Kodiċi Kriminali kwotat ftit aktar kmieni.

Għaldaqstant l-akkużi dwar it-twieqi u konsenturi kellhom jiġu esklużi b'mod li l-ewwel Qorti l-anqas biss kellha tieħu konjizzjoni tagħhom u ċertament ma setgħatx tinstab ħtija propju għaliex tali imputazzjonijiet ma kienux jiffurmaw parti mill-akkużi li taw lok għal dawn il-proċeduri.

**It-tieni aggravju:**

Illi permezz ta' dan l-aggravju dak li qed jiġi lmentat hu li l-ewwel Qorti qatt ma setghat issib lill-esponenti hatja ta' dak li hija sabitha hatja sahansitra tenut kont ta' konsiderazzjonijiet li ghamlet l-istess Qorti fpartijiet ohra tas-Sentenza moghtija minnha meta lliberat lill-esponenti mill-maggor parti assoluta tal-allegazzzjonijiet oħra li tressqu kontriha, u saħansitra tikkontradiċi konsiderazzjonijiet magħmula minnha meta kienet qed tikkonsidra l-imputazzjonijiet li tagħhom sabet ħtija.

Dan qed jingħad tenut kont li f'partijiet oħra mis-sentenza appellata l-ewwel Qorti fost ohrajn:

> mentri f'paġna 7 tas-Sentenza mogħtija hija ma sabitx lill-esponenti hatja tal- allegata nterruzzjoni ta' ilma u ċaqlieq ta' tank ta' ilma lmentati mill-parte civile propju għaliex qieset illi l-imputata kienet għamlet dan kollu a bażi tad-dritt li tizviluppa l-arja u li dan kien dritt li johroġ mill-kuntratti ta' akkwist tal- appartament u penthouse tal-esponenti, meta l-ewwel Qorti sabet lill-esponenti hatja tal-ftugħ ta' twieqi ghaliex fil-fehma tagħha dawn saru mingħajr il-kunsens tal-parte civile din ma użatx l-istess konsiderazzjoni li l-esponenti

kienet qed fetħet tali twieqi propju bħala konsegwenza tad-dritt li tizviluppa l-arja tagħha!

Kien propju għalhekk li l-esponenti meta mistoqsija dwar dan il-punt ġiet kwotata inter alia fpg 11 tal-istess Sentenza li ....

if the airspace is included then you have to build an apartment, a penthouse obviously you have to have windows in a penthouse....

L-ewwel Qorti madanakollu qieset illi l-esponenti kellha bżonn il-kunsens espress tal-parte civile għal dawn it-twieqi għaliex fil-fehma tagħha dawn it- twieqi ma ssemmewx esplicitament fil-kuntratt ta' akkwist tagħha minkejja li kellu jkun pjuttost ovvju li ladarba l-esponenti kellha d-dritt li tibni l-arja li kienet akkwistat, il-binja kellu jkollha twieqi li ta' bil-haqq jekk wiehed jara r- ritratti esebiti mill-parte civile nfushom huma twieqi li nfetħu fpostijiet simili għal dawk tas-sulari ta' taħthom fejn minn fol 116 u 115 għandu anzi jirriżulta li waħda mit-twieqi tal-esponenti hi ferm aktar baxxa u dejqa bħala għoli minn dawk ta' taħtha!

L-istess Qorti għaldaqstant għandha titqies li kienet kontradittorja fejn qalet illi l-esponenti setgħat iccaqlaq tankijiet ta' ilma u tinterrompi provvista ta' ilma sakemm dawn iċċaqalqu peress li kellha dritt li tisviluppa l-arja tagħha u mbad ftit aktar tard qieset li l-esponenti ma kellhiex id-dritt li tiftah twieqi minkejja li kellha dritt li tisviluppa l-istess arja!

> Fl-istess waqt l-istess Qorti ma apprezzatx ukoll li effettivament kif kien imwieġeb permezz ta' l-ittra uffiċjali responsiva esebita a fol. 125 il-propjeta' akkwistata mill-esponenti skont il-kuntratt tal-15 ta' Frar 2011 fl-Atti tan-Nutar Sam Abela (kopja nkluża in atti fol.69) inkluza l-arja li ġiet sviluppata, kienet tinkludi wkoll id-drittijiet attivi li jirrizultaw mill-posizzjoni relattiva tagħha u li dan il-fatt kellu għaldaqstant raġjonevolment jitqies li jinkludi d-dritt li jkun hemm aperturi bhala parti mill-binja kostruwita fuq l-arja li ġiet akkwistata mill- esponenti stante li d-dritt ta' prospett li għandha din il-propjeta' jirrizulta propju minħabba l-posizzjoni relattiva tagħha u għaldaqstant huwa inkonċepibbli kif kien qed jiġi pretiz li l-esponenti kellha tibni propjeta' mingħajr twieqi li jharsu fuq il-propjeta' tal-parte civile bhal twieqi oħra li hemm wara kollox, f'sulari oħra li jharsu fuqhom (kif jirriżulta mir-ritratti in atti a fol. 92 oltre dawk ta' fol.115 u 116!) aktar u aktar meta l-kuntratt t'akkwist tal-esponenti kien jagħmilha ċara li 1-arja akkwistata minnha kienet qed tinkludi d-dritt li jinbnew aktar sulari b'units residenzjali!
>
> Fit-tielet aggravju ser jiġi wkoll muri kif fil-kuntratt ta' akkwist tal-propjeta' tal- parte civile, dawn kienu wkoll aċċettaw fuq l-akkwist li ma kien ser ikun hemm bżonn ebda awtorizzazzjoni eventwali mingħandhom biex jinbnew aktar sulari - fatt li għaldaqstant kellu jfisser ukoll li dawn aċċettaw li fil-futur kien ser ikun hemm aktar appartamenti u twieqi fuqhom!

Kien ukoll kontradittorju l-fatt li f'pg 11 tas-Sentenza appellata l-Qorti ndikat li ma kinitx ser tidhol fl-element dwar jekk kienx hemm nuqqas ta' titolu peress li dan kien jinvolvi interpretazzjoni ta' kuntratti u kwistjonijiet kontenzjużi li ma kienux kompitu

tal-kompetenza Kriminali, mentri fpartijiet oħra tal-istess Sentenza l-Qorti rrikonoxxiet fosthom fpg 7 kif ġia ndikat li hija ma sabitx lill- esponenti ħatja tal-allegata nterruzzjoni ta' ilma u ċaqlieq ta' tank ta' ilma Imentati mill-parte civile propju għaliex qieset illi l-imputata kienet għamlet dan kollu a bażi tad-dritt li tizviluppa l-arja **u li dan kien dritt li joħroġ mill- kuntratti ta' akkwist tal-appartament u penthouse tal-esponenti li l- esponenti**!

Ladarba l-ewwel Qorti ħadet konjizzjoni tal-istess kuntratti fpartijiet oħra tas-Sentena din kellha tapprezza wkoll li l-esponenti kellha dritt ukoll li jkollha twieqi simili għal dawk ta' appartamenti oħra li kienu jħarsu fuq is-shaft jew bitha nterna tal-parte civile.

Minkejja li f'każijiet ta' ragion fattasi l-element ta' spoll jitqies li jkun jissusisti anki kontra sempliċi pussess mingħajr konsiderazzjoni dwar titolu, f'dan il-każ, il-fatt li kien hemm kuntratti ċari inkluż dak tal-parte civile li għamilha ċara li dawn kienu qed jaċċettaw li l-arja ta' fuqhom kienet qed tiġi riservata favur il- vendituri u li l-istess vendituri jew suċċessuri fit-titolu tagħhom (bħal ma hi l- esponenti), kellhom id-dritt li jisviluppaw sulari ulterjuri fisser kjarament li l- vendituri kienu aċċettaw mal-akkwist tagħhom li l-godiment tal-bitha/shaft tagħhom kien soġġett mhux biss għal twieqi attwali iżda wkoll għal twieqi oħra li ma kienux ser jinneċċessitaw kwalsiasi kunsens mingħandhom. Issir referenza fdan ir-rigward ghal dak kwotat mill-kuntratt tagħhom fpg 14 ta' dan l-appell.

Minflok f'pg 11 l-istess Qorti ndikat ukoll li hija ma kinitx qed tagħmel referenza ghall-istess kuntratti peress li ma kienux jikkostitwixxu l-ahiar prova u li ma hija certament ikkonsidrat l-istess kuntratt **u meta wara kollox dawn kienu Rew ma kkontestat il-veračita tal-istess kuntratti (1)** vide traskrizzjoni ta' xhieda ta parte civile Angelo Aquilina tat-23 tr Settembru 2020 pg 1 u 2 meta dan preżenta l-kuntratt ta' akkwist tiegħu u tal-esponenti bhala Doks AA1 u AA2!

Illi b'referenza ghall-kuntratt t'akkwist tal-parte civile kellu wkoll jirriżulta li dawn (anzi propjament Angelo Aquilina u Martu u mhux binhom Justin Aquilina ndikat ukoll bhala parte civile!) effettivament kienu akkwistaw il-propjeta taghhom mingħajr l-arja tagħha u li b'hekk dawn aktar u aktar ma kellhomx jippretendu li kellhom xi vjolazzjoni ta' dritt ta' prospett għal fuq l-arja li ma taghhom!

Dwar dan kollu x-xhud Angelo Aquilina kien infatti wieġeb is-segwenti meta konfrontat fuq dan il-punt fejn dan wera jew għamilha ta' bir-ruhu pg 21 u 22 tar-traskrizzjoni tat-23 ta' Settembru 2020 li ma kienx jaf li huwa ma kienx akkwista l-propjeta' tiegħu bl-arja tagħha:

*Dr Jonathan Spiteri: L-arja tal-bitha....*

*Ix-xhud: L-arja tal-bitha...*

*Dr Jonathan Spiteri: Tiegħek jew le?*

*Ix-xhud: L-arja tal-bitha tieghi.*

*Dr Jonathan Spiteri: Mela għalfejn għandek il-kuntratt jghid illi "The apartment without its relative airspace" xi tgħidli?*

*Ix-xhud: Sa fejn naf jien l-arja tal-bitha ħadd ma jista' jinterrompiha. All right? Dr Jonathan Spiteri: Le...*

*Ix-xhud: Hadd ma jista' jinterrompieha l-arja tal-bitha...*

*Dr Jonathan Spiteri: Jekk ngħidlek li l-apartament huwa mingħajr l-arja. Jekk ngħidlek, paġna 5 tal-kuntratt....*

Jidher li dan il-punt ġie wkoll injorat jew sfuġġa lill-ewwel Qorti fejn minflok din effettivament sabet lill-esponenti hatja li fixklet jew indaħlet fil-pussess ta' hwejjighom (a bażi tal-akkuża ta' ragion fattasi) meta l-esponenti effettivament ma fixklet u ma ndaħlet fl-ebda pussess ta' hwejjeġ il-parte civile għaliex l-arja tal-bitha ma kinitx akkwistata minnhom.

Dan apparti l-fatt li effettivament it-twieqi in kwistjoni ma ħolqu l-ebda preġudizzju mhux biss għaliex kien hemm diversi twieqi oħra ta' sulari oħra ta' propjetarji oħra li jharsu għal fuq l-istess shaft izda wkoll stante li tenut kont li l- propjeta' tal-esponenti tinsab erba' jew hames sulari aktar 'il fuq it-twiegi taghha bil-kemm iidhru mill-groundfloor tal-propieta' tal-parte civile kif jidher car fir-ritratt esebit a fol. 92 bl-istess mod, I-esponenti ma ghandha u ma kellha l-ebda nteress sabiex l-istess twieqi tal-appartament tagħha b'xi mod jintużaw biex jinholoq xi preġudizzju lill-parte civile!

B'hekk l-ewwel element tar-ragion fattasi bhala att estern li jispolia III xi hadd jehor minn ħaġa li jkun qed igawdi ma kellhiex tirriżulta dan il-każ u l-angas ma kellu jitgies, certament meta wiehed ged likonsidra li dawn huma proceduri fil-kamp kriminali li l-esponenti kellha bzonn il-kunsens espress jew prezunt tal- parte civile meta hija kellha kuntratt li jippermettilha li tisviluppa l-aria u li kellu nkluż id-drittijiet attivi li jirrizultaw mill-posizzjoni relattiva tagħhal

Kontradizzjoni ohra hi dik indikat fl-ewwel aggravju fejn l-ewwel qorti ma sabitx oħrajn peress li kien ilment li jifferi ghal data li kienet tmur oltre d-dati tal-akkużi, biex imbad ma ghamlitx l-istess haga fir-rigward tal-ilmenti tat-twieqi u tal-konsenturi li ssemmew biss saħansitra wara li bdew jinstemaw dawn il-proċeduri!

B'hekk umilment għandu jitqies li tenut kont ta' dawn il-kontradizzjonijiet u nkosistenzi, is-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-kwistjoni tat-twieqi u tal- konsenturi, ma kellu qatt jirriżulta anzi l-esponenti kellha tiġi liberata minnhom a bażi ta' konsiderazzjonijiet li l-ewwel Qorti stess għamlet fir-rigward ta' uhud mill-imputazzjonijiet l-oħra!

**It-tielet aggravju:**

Illi dan l-aggravju jkompli ma' ta' qablu fis-sens li anki tenut kont ta' dak li għadu kemm ingħad, kien hemm apprezzament żbaljat tal-provi mill-ewwel Qorti bil-konsegwenza illi din sabet ħtija fil-konfront ta' l-esponeni meta din il-ħtija ma kellhiex tinstab anki tenut kont ta' provi li l-Qorti stess indikat li ma kienux tressqu mill-parte civile jew prosekuzzjoni u b'hekk ma setgħetx raġjonevolment jew legalment tinstab ħtija fil-konfront tagħha anki meta wieħed irid jikkonsidra l-oneru ta' prova u l-eżistenza tad-dolo u l-mens rea konsegwenzjali li kellhom jiġu sodisfatti fil-kamp penali;

Dan l-aggravju b'mod partikolari jirreferi għall-fatt li:

1. Dwar it-twieqi għandu jirriżulta li kien hemm apprezzament zbaljat tal-provi propju ghaliex l-ewwel Qorti erronjament qieset li l-esponenti hadet il-liġi b'idejha biex tiftah dawn it-twieqi mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' ebda awtorita' pubblika wara li skont l-istess Sentenza (pg10) l-esponenti kienet għamlet *di privato braccio* dak li messu sar permezz ta' awtorita' pubblika.

Din il-konsiderazzjoni tal-Qorti qed tinftiehem fis-sens li skond l-istess Sentenza l-esponenti kellha titlob awtorizzazzjoni tramite proċeduri civili fid-dawl ta' nuqqas ta' kunsens mill-parte civile tant li fpg 11 l-istess sentenza ikkonsidrat li l-kuntratt taghha

ma kienx isemmi twieqi, u li hadet ir-riedni f'idejha u mexxiet bl-isvilupp tat- twieqi mingħajr kunsens tal-parti leża.

Din il-konsiderazzjoni pero' ghandha titqies li hi wahda inkorretta stante li fil-verita l-permessi relattivi kif indikat mill-Perit tal-parte civile nnifsu fejn isemmi li l-isvlupp kien kopert bil-PA 2804/2016 a fol 259 li dwarhom il-parte civile effettivament ikkonfermaw li qatt ma kienu ressqu ebda oġġezzjoni dwarhom.

Għal kull buon fini u għall-fini ta' trasparenza, jiġi ċċarat li waqt li kien qed jiġi redatt dan l-appell, l-appellanti rrealizzat li wahda mit-twieqi in kwistjoni ma kinitx indikata fl-aħħar pjanta approvata peress li dik il-parti in kwistjoni kienet iddisinjata b'mod differenti madanakollu dan in-nuqqas għandu jitqies li hu ta' natura civili (li skont il-perit tal-esponenti jista' jiġi sanzjonat) u xejn ma jnaqqas mill-fatt li l-parte civile ma kienu oġġezzjonaw bl-ebda mod għall-applikazzjoni ta' svilupp li tinkludi żewġ twieqi (minn tlieta) kif inhuma attwalment u b'hekk ir-reat ta' ragion fattasi ma jirriżultax sempliċement għaliex l-esponenti ma sviluppatx l-istess twieqi wara xi allegata oġġezzjoni tal-parte civile propju għaliex oġġezzjoni qatt ma tressqet qabel ma saru l-istess twieqi jew fl-istadju ta' applikazzjoni, minkejja li kien hemm applikazzjoni ta' svilupp li uriet li kien ser ikun hemm tnejn mit-tlitt twieqi in kwistjoni. B'hekk l-ebda responsabilita' kriminali ma kellha tirriżulta anki għaliex wara kollox il-parte civile nfushom qatt ma bbażaw l-ilment tagħhom fuq allegati nuqqasijiet ta' permessi minn awtorita' izda semplicement insistew li huma ma ħassewx li l-esponenti kellha dritt li tisviluppa propjeta' bi twieqi fuq il-bitha/shaft in kwistjoni mingħajr il-kunsens tagħhom kunsens għandu jirriżulta li ma kienx meħtieġ. meta tali

Dan qed jingħad stante li fil-kuntratt ta' akkwist tal-parte civile nfushom, mal-firma tal-istess kuntratt huma kienu ġia aċċettaw illi kwalsiasi svilupp ulterjuri ma kienx ser ikun soġġett għal ebda awtorizzazzjoni mingħandhom.

Fil-fatt, fis-sitt paġna tal-kuntratt t'akkwist tal-parte civile esebit minnhom stess a fol. 57 et seq. hemm indikat b'mod tassew ċar is-segwenti:

The airspace of the block shall remain the exclusive property of the Vendor Company, and the Vendor Company reserves the right in its favour or in favour of its successors in title, to build further storeys of residential units when the required permits are issued. Further the Vendor Company expressly declare that it shall extend the common parts and services of the said block, when and if such residential units are bult, and this without any right of compensation. **This new development of further storeys of residential units and extension of the common parts and services shall in no manner and form necessitate or require any authorisation on part of the purchasers. For all intents and purposes to Law, the Purchasers are hereby already giving their authorization for the said development. Enfasi miżjuda**.

L-esponenti ticcara wkoll li dak li ġie kwotat li xehdet dwaru bejn pg10 u 11 tas-sentenza u wieġbet iva, hija kienet qed jirreferi għal verifiki li hija kienet ghamlet matul il- mori ta' dawn il-proċeduri wara li l-parte civile waqt il-mori (u mhux waqt li kienet qed tibni) Imentaw dwar it-twieqi. B'hekk hija ma kinitx qed tirreferi għal diskussjonijiet jew verifiki qabel ma sar l-isvilupp propju għaliex il-parte civile ma kienux qajjmu din il-kwistjoni dak iż-żmien u qatt ma kienux oġġezzjonaw ghall-isvilupp in kwistjoni.

Infatti Angelo Aquilina kien ukoll stqarr li hu kien induna bit-twieqi wara li kienu saru tant li pg 20 tax-xhieda tiegħu tat-23 ta' Settembru 2020:

*Ix-xhud: Mela, darba fost l-oħrajn l-ilma nieżel mal-appoġġ tal-bitha u tlajt fuq il-bejt biex nara x'gara u ma garax. Apparti li mill-katusa*

*ma twahhlit... jiġifieri 1- ilma beda jinżel u jċarcar mal-hajt, u għandi hawnhekk l-evidenza... sibt tweiqi miftuhin ghal fuqi wkoll.*

*B'hekk dan ma kienx każ fejn l-esponenti baqgħat għaddejja bl-isvilupp ta' twieqi wara li kienet saret xi oġġezzjoni jew ilment mill-parte civile propju għaliex tali Iment tressaq biss waqt il-mori ta' dawn il-proċeduri u wara li t-twieqi kienu gia kostruwiti- oġġezzjoni li fi kwalunkwe każ il-parte civile ma kellhom ebda dritt li jagħmlu proprju għaliex fil-kuntratt t'akkwist tagħhom kienu ġia aċċettaw li kwalsiasi svilupp ulterjuri fuq l-arja tal-blokka in kwistjoni ma kien ser jeħtieġ ebda awtorizzazzjoni mingħandom!*

*Wiehed għaldaqstant forsi jista' japprezza ulterjorment għalfejn il-parte civile qatt ma kienu ressqu ebda oġġezzjoni għall-isvilupp in kwistjoni meta l-esponenti applikat mal-Awtortita' għall-Ippjanar. Infatti meta mistoqsi fuq dan il-punt il-parte civile Justin Aquilina nfatti kkonferma pg 18 tax-xhieda mogħtija fl-4 ta' Marzu 2024 li:*

*Difiża: Intom bil-planning waqt li kien qed jinbena l-proprjeta qatt għamiltu xi oġġezzjoni biex itella' sular ieħor? Ara naqblu li qatt ma għamiltu proċeduri ohra, lanqas ċivili, lanqas kontra objections, xejn.*

*Qorti: Il-mistoqsija hija din, sinjur. Intom qatt għamiltu xi tip ta' proċeduri jew oġġezzjoni mal-Planning fir-rigward tal-bini li kien qiegħed isir. Sempliċi il-mistoqsija.*

*Xhud: Le.*

B'hekk kellu certament jitqies, tal-ingas għall-fini tal-kamp penali (u effettivament anki fil-kamp ċivili tenut kont ta' dak li aċċettaw il-parte civile kuntrattwalment) li t-tielet element ta' ragion fattasi ma kienx jirriżulta, li l-esponenti qatt ma hadet il- liġi b'idejha jew għamlet xi ħaġa mingħajr ebda awtorizzazzjoni propju għaliex l-awtorizzata tisviluppa fil-waqt li l-parte civile kienu ġia' aċċettaw fil-kuntratt esponenti bniet a bażi ta' kuntratt li permezz tiegħu akkwistat arja li hija kienet tagħhom li ebda awtorizzazzjoni għal kwalsiasi svilupp (li inevitabilment kellu jinkludi twieqi bħal dawk li kien hemm fsulari ohra fuqhom), ma kienet ser tkun rikjesta jew meħtieġa minnhom.

Barra minn hekk, fil-waqt li l-ewwel Qorti donnha taghti x'tifhem li l-esponenti kellha bżonn il-kunsens tal-parte civile, il-parte civile kienu akkwistaw il-propjeta tagħhom mingħajr arja kif jirriżulta fil-kuntratt tagħhom stess ingħad aktar kmieni, l-esponenti kienet akkwistat arja bi dritt li tisviluppaha u li mentri pero' kif kienet tgawdi dawk id-drittijiet li jirriżultaw minħabba l-posizzjoni relattiva tagħha.

Dan kollu kellu jfisser ukoll li l-ewwel element ta' ragion fattasi ma seta' qatt jirriżulta propju għaliex b'dak li l-parte civile kienu aċċettaw fuq il-kuntratt tagħhom stess, huma kien gia aċċettaw li jsir svilupp ulterjuri u b'hekk kienu effettivament gia spoljaw ruħhom mid-dritt li joġġezzjonaw ghal twieqi ulterjuri proprju għaliex għandu jitqies ovvju li ladarba aċċettaw li ma kien ser ikun hemm bżonn ebda kunsens mingħandhom għal svilupp ulterjuri, l-ebda kunsens għal twieqi ġodda ma kien meħtieġ tenut kont li f'dan il-każ, il piu' comprende il meno fis-sens illi l-frażi 'development of further storeys' certament għandha titqies li tinkludi svilupp ta' twieqi ġodda wkoll!

Minflok qieset dan kollu l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-esponenti aġixxiet b'xi dolo jew mens rea fis-sens li għamlet xi ħaġa li kienet taf li ma kellhiex dritt tagħmel meta dan ma kienx il-każ propju għax qatt ma kellha bżonn ebda kunsens u qatt ma

għaddielha minn rasha li kellha bżonn xi kunsens ulterjuri mingħajr il-parte civile. - dolo u mens rea li huma rekwiżit essenjali fil-kamp penali izda li fi kwalunkwe każ, f'dan il-każ ma rriżultawx, u b'hekk ebda ħtija ma setgħat għaldaqstant qatt tinsab.

2. L-istess jingħad effettivament fir-rigward tal-imputazzjoni l-oħra dwar il-konsenturi stante li din ukoll tiddependi minn ħsara li tkun volontarja mentri l-esponenti ċertament ma għamlet l-ebda ħsara ntenzjonata anzi kif ingħad, l-anqas biss ġie verament ippruvat mill-prosekuzzjoni u l-parte civile li l-ħsara kienet verament konsegwenza tal-isvilupp magħmula minnha u mhux riżultat ta' fatturi oħra kif spjegat aktar kmieni!

Infatti fir-rigward tal-kwistjoni tal-konsenturi, l-ewwel qorti kkonsidrat illi l-perit tal-parte civile ma kienx indika x'kienu l-ħsarat u l-prosekuzzjoni ma ġabitx prova dwar l-ammont ta' tali ħsarat pero' madanakollu mbad għaddiet b'mod kontradittorju sabiex issib lill-esponenti hatja ta' ħsara li ma tiskorrix it-€23.29 u kkundannata għal multa ta' €500.

L-umli fehma hili apparti l-fatt li r-rapport in kwistjoni ma kellux jitqies li kien ged jipprovdi xi prova konkreta li tali konsenturi kienu verament konsegwenza tal-isvilupp li kien sehh jew li ġew ikkawżati entro d-dati ndikati fl-akkuża bein 1-2017 u 1-2019, tenut kont li r-rapport kien ibbażat fuq kostatazzjonijiet li saru ħames snin wara l-isvilupp in kwistjoni, l-istess rapport kien wiehed ex parte u l-parte civile fl-ebda moment ma talbu l-hatra ta' perit nominat mill-Qorti biex jikkonstata dak allegat b'mod tassew approfondit u oġġettiv.

Barra minn hekk jingħad ukoll li mentri l-istess rapport peritali jsemmi konsenturi fil-faċċata li allegatament kienu riżultat tal-piż ulterjuri tal-propjeta' tal-esponenti, minn sempliċi harsa lejn id-disinji nklużi fl-istess rapport a fol. 259, il-maggor parti assoluta

ta' dak li kien sviluppat ma ġiex sviluppat fuq in-naha esterna tal-blokka in kwistjoni tant li l-penthouse fl-oghla sular kienet receeded 'il ġewwa fil-waqt li fis- sular ta' taħtha ġiet miżjuda kamra waħda biss!

B'hekk dak asserit fl-istess raport ma seta' qatt jitqies li kien konklussiv jew li jipprovdi l-aqwa prova ta' dak li kien qed jiġi allegat u l-ewwel Qorti ma setgħatx semplicement tistrieh fuq dak li ġie sostnut li tali konsenturi kienu riżultat tal-isvilupp li seħħ bejn l-2017 u 2019 u wisq anqas li dawn ġew ikkaġunati Pdak il- perjodu!

Dan qed jingħad ulteriorment għaliex mentri l-ewwel Qorti kkonsidrat ukoll li fir-rapport tal-Perit Christian Spiteri tal-esponenti tal-11 ta' Lulju 2017 cioe' qabel ma sar l-iżvlupp mill-imputata l-ħsarat indikati fir-rapport tal-perit tal-parte civile ma kienux irriżultaw, ir-rapport tal-Perit Christian Spiteri kien pero' ġia nnota fol. 86 li kien hemm crack fis-sitting area u fil-kċina. Minkejja li r-rapport tal-Perit tal- parte civile jindika konsenturi fpostijiet oħra, dan ma jfissirx pero' neċessarjament li dawn ħarġu minħabba l-isvilupp li seħħ tant li qabel tali svilupp il-propjeta' tal- parte civile kienet diga uriet cracks oħra.

Kellu wkoll jirriżulta ċar li l-rapport ex parte tal-parte civile kien mibni biss fuq diversi assunzjonijiet mentri fil-kamp kriminali ċertament kellhom jitressqu provi aktar konkreti, speċifiċi, dettaljati u oġġettivi li ma tressqux.

Wara kollox kien l-istess perit tal-parte civile li a fol. 263 fir-rapport tiegħi indika li kien hemm bzonn an in-depth full investigation and analysis would be required before any calculations and conclusions can be accurately made! dikjarazzjoni li ndubbjament twassal għall-konklużjoni li r-rapport tiegħu kien biss ibbażat fuq spezzjoni prima facie li ma kinitx konklussiva iżda bbażata biss fuq diversi assunzjonijiet ġeneriċi u li b'hekk qatt ma seta jitqies li kien jekwivali għal prova

suffiċjenti speċjalment fil-kamp kriminali li jeħtieġ oneru ta' prova ferm aktar konkret lill hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni!

Dan kollu dejjem mingħajr preġudizzju għall-fatt li tali Iment l-anqas biss kien inkluż fl-ilment originali li kien wassal għall-akkużi in kwistjoni u b'hekk l-esponenti ma tista' qatt titgies li bein 1-2017 u l-2019 ikkawżat danni li dwarhom ma hemm l-ebda prova li kienu jeżistu jew ġew ikkawżati fdak iż-żmien u mhux fi żmien jehor u/jew a kawża ta' fatturi esterni ohra fosthom eżempju xi difett mohbi fil-mod ta' kif inbena l-appartament tal-partecivile jew il-kumplament tal-blokka li ma għandhomx tal-parte civile l-indikazzjoni hi li hu kien tqabbad propju fl-2024 biex jagħmel il-verifiki tiegħu biex imbad indika wkoll li dak li kien qed jirreferi ghalieh kien jinneċessita verifiki aktar dettaljati li pero ma sarux u li dwarhom il-parte civile ma talbu fl-ebda stadju l-intervent ta' Perit mahtur mill-Qorti biex jivverifika jekk tali konsenturi kellhomx verament rabta mal-binja tal-propjeta' tal-esponent jew le.

**Ir-raba' aggravju:**

1. Illi qabel xejn dan l-aggravju huwa ovvjament konness ma' dak kollu li ġie ndikat fl-aggravji precedenti in kwantu l-applikazzjoni hażina tal-liġi għandha tirriżulta fl-ewwel lok stante li l-allegazzjonijiet li nstaghbet hatja tagħhom ma kienux jiffurmaw parti mill-akkużi a tempo vergine **bi ksur ta' dak provdut permezz tal- artikolu 360 (2)** tal-Kodiċi Kriminali kif indikat fl-ewwel aggravju li għalieh issir referenza a skans ta' ripetizzjoni.

2. Barra minn hekk għandu jirriżulta li l-ebda htija a tenur tal-artikoli 85(1) u 325 tal-Kap 9 ma kellha tinstagħab stante dak indikat b'mod partikolari fl-aħħar parti tat-tielet aggravju in kwantu fir-rigward tal-imputazzjonijiet dwar it-twieqi ma kellha tirriżulta ebda ragion fattasi ghaliex kemm l**-ewwel u kemm it-tielet elementi kien certament neqsin**. Dwar it-tieni element ta' ragion fattasi ghandu wkoll jirriżulta l-esponenti ma kellhiex biss kredenza (zbaljata) li l-att kien qed isir b'eżercizzju ta' dritt

izda effettivament kellha drittijiet kuntrattwali ċari inklużi dawk indikati fil-kuntratt t'akkwist tal-parte civile nfushom li kienu aċċettaw li seta jsir svilupp ulterjuri ta' sulari oħra mingħajr ħtieġa ta' ebda awtorizzazzjoni mingħandhom.

3. Fir-rigward tal-konsenturi ċertament ma kienet tirriżulta **ebda volontarjeta ta' hsara** dejjem jekk wara kollox il-hsara kienet relatata mal-isvilupp li sar - ħaġa li għandha titqies li ma ġietx l-anqas ippruvata b'mod oġġettiv izda biss a bażi ta' rapport ex parte soggettiv li sar hames snin wara l-isvilupp, li kien mibni fuq numru ta' assunzjonijiet u li hu stess indika li kien suġġett għal verifiki aktar dettaljati li u konklussivi li kellhom isiru (izda li ma sarux!).

B'hekk għandu jirrizulta li l-elementi essenzjali taż-żewġ reati ma jinsabux sodisfatti f'dawn il-każ u ma kellhom qatt jitqiesu li jirriżultaw - bhal ma kellu wkoll jirriżulta li l-ebda *mens rea* u *dolo* kriminali ma kien jeżisti fdak kollu li għamlet l-esponenti.

Dak anzi li kellu jirriżulta hu l-fatt li l-parte civile baqaw jippruvaw jagħmlu minn kollox biex iwessaw kemm jista' jkun l-ilmenti tagħhom probabilment meta bdew jirrealizzaw li l- ilmenti originali tagħhom ma kienux ser iwasslu għal ebda htija, tant li kif ingħad fil-bidu ta' dan l-appell il-maġġor parti assoluta tal-allegazzjonijiet u Imenti tagħhom ġew infatti rifjutati u l-esponenti ġiet liberata minnhom għad-diversi raġunijiet indikati fl-istess sentenza.

Għandu jidher ċar li forsi propju minħabba li l-ewwel Qorti kellha diversi allegazzjonijiet X'tikkonsidra din genwinament sfuggielha dak li ingħad dwar it-twieqi u konsenturi fl-mori matul ix-xhieda tagħha, fit-trattazzjoni orali finali u dak li issa ġie spjegat faktar dettal permezz ta' dan l-appell inkluż dak li jirriżulta fil-kuntratt t'akkwist tal-parte civile nfushom.

Hu propju għalhekk ukoll li l-esponenti hasset il-ħtieġa li jsir dan l-appell propju għaliex apparti l-fatt li l-appellanta kienet akkużata inizzjalment b'certu imputazzjonijiet u allegazzjonijiet li mbad baqaw jiżdiedu minn haġa għal ohra waqt il-mori li ma kellhom qatt jithallew li jiġu konsidrati, hija genwinament temmen u tibqa' ssostni li fi kwalunkwe każ hija ma kienet u ma hi hatja ta' ebda agir kriminali, li dak li għamlet inkluż il-bini ta' sular bi twieqi relattivi, kien biss eserċizzju tad-drittijiet tagħha kuntrattwali li ma kien jeħtieġ ebda kunsens tal-parte civile kif anki rikonoxxuti fil-kuntratt tal-parte civile nfushom u li hija ma kkawżat l-ebda ħsara volontarja u li fi kwalunkwe każ, effettivament l-anqas ma jirriżulta b'mod konkret li l-allegati ħsarat ta' konsenturi huma direttament marbutin mal- isvilupp tagħha.

Illi l-Avukat Ġenerali wieġeb għal dan l-appell fejn preliminarjament eċċepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell ta' l-imputata stante illi fir-rikors tal-appell l-imputata talbet "sabiex fil-waqt li tikkonferma dawk il-partijiet kollha tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fejn ma nstabitx ħtija fil-konfront tal-esponenti, tvarja u tibdel il-kumplament tal-istess sentenza billi ma ssibx lill-esponenti ħatja u tillibera wkoll l-esponenti minn dawk l-allegazzjonijiet, imputazzjonijiet u akkużi konsegwenzjali li hija instabet ħatja tagħhom b'mod partikolari dawk dwar it-twieqi u konsenturi msemmija aktar kmien f'dan l-appell u b'hekk tillibberaha mill-akkużi u imputazzjonijiet u allegazzjonijiet kollha li nġiebu kontriha" meta ma teżisti ebda parti fejn l-imputata ma instabetx ħatja, stante illi hija ġiet misjuba ħatja taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom u imbagħad fil-mertu l-Avukat Ġenerali wieġeb li ebda mill-aggravji ma jistħoqlu jiġi milqugħ.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' April 2025 fejn *inter alia* sostna li r-rikors tal-appell tal-appellant huwa null. Dan inghad ghar-raguni li fil-kaz odjern galadarba l-appellanta giet misjuba hatja tal-imputazzjonijiet kollha li hija giet mixlija bihom u cioe taz-zewg imputazzjonijiet

u skond dak li qieghed jifhem l-appellat l-intendiment tal-appellanta huwa dak li tigi liberata minn dawn l-imputazzjonijiet mela huwa logiku li dak li irid jigi mitlub huwa it-thassir tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u mhux varjazzjoni tal-imsemmija sentenza. Izid jghid li l-appell fil-forma attwali tieghu huwa nieqes mill-kjarezza u qieghed johloq konfuzzjoni ghal xejn.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-eċċezzjoni preliminari dwar in-nullita ta' l-appell u dan fis-seduta tal-10 ta' April 2025 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari.

**Ikkunsidrat,**

Illi ghalhekk din is-sentenza ser tinghata limitatament dwar jekk dak sollevat mill-Avukat Generali u cioe li ir-rikors tal-appell tal-appellant huwiex null jew le.

Jinghad *ab initio* in succint li kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Meilak** deciz minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il- 25 ta' Novembru, 2009

> *Kif inhu risaput, pero`, din il-Qorti tipprova ssalva l-atti u ma tiddikjarax rikors ta' appell bhala null fejn dan ikun possibbli, imqar bi ftit tigbid entro l-limiti permessi mill-ligi, ghax ikun gie sodisfatt il-minimu ta' dak li hu rikjest ghall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 419 imsemmi – ara f'dan is-sens **Il-Pulizija v. Robert Spiteri et** App. Krim. 30/4/1990, **Il Pulizija v. Joseph Tabone** App. Krim. 14/9/2007, u **Il-Pulizija v. George Galea** App. Krim. 15/2/2008.1"*

Anke ricentement fis-sentenza moghtija **The Republic of Malta Vs Michael Emmanuel** nhar it-22 ta' Jannar 2020:

> *The Court at the very outset of its judgment affirms that judicial acts filed before any court may be declared null and void only within the limits laid down by law. Not only but our courts have always taken the stance to try and save the validity of judicial acts even more so when a person accused of committing one of the most heinous crimes*

> *and presumed innocent until otherwise decided by a panel of jurors, requests a review of a decision given by a court of first instance and this in order to safeguard the right of accused person to a fair hearing according to law. This is so since if the Court were to adopt the strict approach to the filing of written pleadings as advocated by the Attorney General in his reply, this would be tantamount to denying accused person from his substantive right of appeal.*

Illi l-artikolu 419 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **illum** jipprovdi s-segwenti, u ghalhekk is-sentenzi li nghataw fl-imghoddi m'ghadx ghandhom sinjifikat sabiex jigi mfisser ahjar l-artikolu 419 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

> *419. (1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih,*
>
> *(a) il-fatti fil-qosor;*
>
> *(b) ir-raġunijiet tal-appell;*
>
> *(ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.*

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' l-ahhar emenda li saret u cioe b'Att I tas-sena 2018 il-kliem taht 'piena ta' nullita' gew imhasra u ghalhekk dan ifisser li minkejja li wahda minn dawn ir-rekwiziti ikun nieqes, tali nuqqas ma iwassalx ghan-nullita ta' l-att.

Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement irid li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-appellant fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob. Pero' minkejja li l-legislatur jirrikjedi dan mhux qed jinsisiti li jekk uhud minn dawn ir rekwiziti huma nieqsa l-atti jigi kunsidrat null. Ghalhekk il-legislatur ried li jkun hanin ma min jippresenta att li mhux in regola mal-ligi[1].

[1] Appell Nru. 322/2017, **Il-Pulizija Vs Robert Galea** deċiż fl-4 ta' Diċembru, 2018,

F'dan ir-rigward kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il Pulizija vs Wayne Fenech[2]:-**

> '*Illi t-talba tal-appellant hija wahda konfuzjonarja ghall- ahhar u li ma kienx ghall-emendi introdotti bl-Att I tal-2018, rikors konsimili kien ikun possibilment soggett ghal ezitu infelici. Ghalkemm l-imsemmi att emenda l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali billi nehha l-piena ta' nullita' fejn si tratta inter alia tat- talba ghat-tahsir jew tibdil tas-sentenza kif ukoll fl artikolu 520 li jaghmel applikabbli l-artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni ta' Procedura Civili, ma jfissirx b'daqshekk illi l-appellant, ossia l- avukat difensur tieghu, jista' juri daqstant apatija u nuqqas ta' struzzjoni fil-ligi billi jixhet b'daqstant leggerezza dak kollu li jigi f'rasu fir-rikors tal-appell biex imbaghad il-Qorti tara hi x'tista' testrapola minnu. L-agir tad-difensur tal-appellant imur oltre billi azzarda jakkludi dokumenti godda mar-rikors tal appell tieghu minghajr il-permess preventiv tal-Qorti skond id-dispost tal-artikolu 424 tal Kodici Kriminali; 3. Ventilat dan, u minghajr ebda dell fuq l-appellant inniffsu, din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha sia dwar is-sejbien ta' htija kif ukoll dwar il-piena u dan ai termini tal-artikolu 143 (4) tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta applikabbli bl-artikolu 520 (1)(c) tal-Kapitolu 9 li jiddisponi li talba ghat-thassir tinkludi talba ghat-tibdil tas- sentenza;* '

Illi l-appellant interpona appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti ghaliex hassu aggravat bis-sentenza li nghatat u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-imputata ma kellhiex tinstab ħatja tal-akkużi dedotti kontra tagħha

Illi huwa minnu illi effettivament ma hemm bżonn ebda konferma minn din il-Qorti għal dawk il-partijiet kollha tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn ma nstabitx ħtija fil-konfront tal-imputata stante li hija kienet rinfaċċata b'żewġ akkużi, u hija

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Settembru, 2018 (Appell Nru. 143/2018)

instabet ħatja tagħhom it-tnejn. Huwa irrilevanti jekk wettqetx azzjoni waħda jew aktar sabiex instabet il-ħtija tagħha.

Illi madankollu huwa ċar ukoll li l-imputata qiegħda tappella sabiex tvarja u tibdel is-sentenza sabiex ma tinstabx ħatja tal-akkużi dedotti kontra tagħha u tilliberaha minnhom u għalhekk din il-Qorti ma hija qegħda tirriavviża ebda nullita' għalkemm il-mod kif ġie postulat l-appell setgħa jkun aktar feliċi.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni ta' nullita sollevata mill-Avukat Generali qed tigi rigettata u tordna l-kontinwazzjoni tal-każ.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera,**
**Onor. Imħallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**